IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.7.2017
C(2017) 5320 final

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 26.7.2017

dwar l-istat tad-dritt fil-Polonja

kumplimentari għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni (UE) 2016/1374 u (UE) 2017/146

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 26.7.2017

dwar l-istat tad-dritt fil-Polonja

kumplimentari għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni (UE) 2016/1374 u (UE) 2017/146

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni dwar l-istat tad-dritt fil-Polonja[1], fejn espremiet it-tħassib tagħha dwar is-sitwazzjoni tat-Tribunal Kostituzzjonali u fejn irrakkomandat kif dan għandu jiġi indirizzat. Fil-21 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni kumplimentari dwar l-istat tad-dritt fil-Polonja[2].

(2) Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ġew adottati taħt il-Qafas tal-Istat tad-Dritt[3]. Il-Qafas tal-Istat tad-Dritt juri kif il-Kummissjoni se tirreaġixxi jekk jitfaċċaw indikazzjonijiet ċari ta' theddid għall-istat tad-dritt fi Stat Membru tal-Unjoni u jispjega l-prinċipji involuti fl-istat tad-dritt. Il-Qafas tal-Istat tad-Dritt jipprovdi gwida għal djalogu bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru sabiex jipprevjenu li jseħħ theddid sistemiku għall-istat tad-dritt li jista' jiżviluppa f'"riskju ċar ta' ksur serju" li potenzjalment jiskatta l-użu tal-"Proċedura tal-Artikolu 7 TUE". Fejn hemm indikazzjonijiet ċari ta' theddida sistemika għall-istat tad-dritt fi Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tagħti bidu għal djalogu ma' dak l-Istat Membru taħt il-Qafas tal-Istat tad-Dritt.

(3) L-Unjoni Ewropea hija mwaqqfa fuq sett ta' valuri komuni mnaqqxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE"), li jinkludu r-rispett għall-istat tad-dritt. Il-Kummissjoni, lil hinn mill-kompitu tagħha li tiżgura r-rispett tal-liġi tal-UE, hija responsabbli wkoll, flimkien mal-Parlament Ewropew, mal-Istati Membri u mal-Kunsill, sabiex tiggarantixxi l-valuri komuni tal-Unjoni.

(4) Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll dokumenti mħejjija mill-Kunsill tal-Ewropa, li jibnu b'mod partikolari fuq l-għarfien espert tal-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija

---

[1] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1374 tas-27 ta' Lulju 2016 dwar l-istat tad-dritt fil-Polonja; ĠU L 217, 12.8.2016, p. 53–68.

[2] Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/146 tal-21 ta' Diċembru 2016 dwar l-istat tad-dritt fil-Polonja kumplimentari għar-Rakkomandazzjoni (UE) 2017/146 ĠU L 22, 27.1.2017, p. 65-81.

[3] Il-Komunikazzjoni "Qafas ġdid tal-UE biex Jissaħħaħ l-Istat tad-Dritt", COM(2014) 158 final.

permezz tal-Liġi ("Il-Kummissjoni ta' Venezja"), jipprovdu lista mhux eżawrjenti ta' dawn il-prinċipji u għalhekk jiddefinixxu t-tifsira ewlenija tal-istat tad-dritt bħala valur komuni tal-Unjoni skont l-Artikolu 2 TUE. Dawk il-prinċipji jinkludu l-legalità, li timplika proċess trasparenti, responsabbli, demokratiku u pluralista għall-promulgazzjoni tal-liġijiet; ċertezza legali; projbizzjoni tal-arbitrarjetà tas-setgħat eżekuttivi; qrati indipendenti u imparzjali; rieżami ġudizzjarju effettiv, li jinkludi r-rispett għad-drittijiet fundamentali; u ugwaljanza quddiem il-liġi[4]. Minbarra li jsostnu dawk il-prinċipji u l-valuri, l-istituzzjonijiet tal-Istat għandhom ukoll id-dmir ta' kooperazzjoni leali.

(5) Fir-Rakkomandazzjoni tagħha tas-27 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni spjegat iċ-ċirkostanzi li fihom iddeċidiet, fit-13 ta' Jannar 2016, li teżamina s-sitwazzjoni taħt il-Qafas tal-Istat tad-Dritt u li fihom adottat, fl-1 ta' Ġunju 2016, Opinjoni dwar l-istat tad-dritt fil-Polonja. Ir-Rakkomandazzjoni spjegat ukoll li l-iskambji bejn il-Kummissjoni u l-Gvern Pollakk ma rnexxielhomx isolvu t-tħassib tal-Kummissjoni.

(6) Fir-Rakkomandazzjoni tagħha, il-Kummissjoni sabet li kien hemm theddida sistemika għall-istat tad-dritt fil-Polonja u rrakkomandat li l-awtoritajiet Pollakki jieħdu azzjoni xierqa sabiex jindirizzaw din it-theddida b'urġenza.

(7) Fir-Rakkomandazzjoni tagħha tal-21 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni qieset l-aħħar żviluppi fil-Polonja li kienu ġraw sa mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Lulju 2016. Il-Kummissjoni sabet li filwaqt li xi wħud mill-kwistjonijiet li tqajmu fl-aħħar Rakkomandazzjoni tagħha kienu ġew indirizzati, kwistjonijiet importanti baqgħu ma ssolvewx, u sadanittant kien tqajjem tħassib ġdid. Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-proċedura li kienet wasslet għall-ħatra ta' President ġdid tat-Tribunal qajmet tħassib serju fir-rigward tal-istat tad-dritt. Il-Kummissjoni kkonkludiet li kien għad baqa' theddid sistemiku għall-istat tad-dritt fil-Polonja. Il-Kummissjoni stiednet lill-Gvern Pollakk biex isolvi l-problemi identifikati b'urġenza, fi żmien xahrejn, u biex jinforma lill-Kummissjoni bil-passi li jittieħdu f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni nnotat li hi baqgħet lesta li ssegwi djalogu kostruttiv mal-Gvern Pollakk abbażi tar-Rakkomandazzjoni.

(8) Fis-20 ta' Frar 2017, fil-limitu ta' żmien ta' xahrejn, il-Gvern Pollakk wieġeb għar-Rakkomandazzjoni kumplimentari tal-Kummissjoni. It-tweġiba ma taqbilx mal-kwistjonijiet kollha li tqajmu fir-Rakkomandazzjoni u ma ssemmi l-ebda azzjoni ġdida sabiex tindirizza t-tħassib identifikat mill-Kummissjoni. It-tweġiba tenfasizza li l-ħatra ta' President ġdid tat-Tribunal fil-21 ta' Diċembru 2016 kif ukoll id-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-Organizzazzjoni u l-Proċedimenti quddiem it-Tribunal Konstituzzjonali, il-liġi dwar l-I*status* tal-Imħallfin tat-Tribunal Kostituzzjonali u l-liġi li Timplimenta l-liġi dwar l-Organizzazzjoni u l-Proċedimenti u l-liġi dwar l-I*status* tal-Imħallfin ħolqu l-kundizzjonijiet xierqa għall-funzjonament tat-Tribunal wara perjodu ta' paraliżi li nħoloq bit-tilwim politiku tal-politiċi tal-oppożizzjoni li fihom kien involut ukoll l-eks President tat-Tribunal.

(9) Fil-21 ta' Diċembru 2016, is-Sur Mariusz Muszyński, li kien nominat mit-tmien (8) leġiżlatura tas-*Sejm* mingħajr bażi ġuridika valida u kien aċċettat biex jassumi l-fuzjoni ta' mħallef fit-Tribunal Kostituzzjonali fl-20 ta' Diċembru 2016 mill-Aġent President tat-Tribunal ta' dak iż-żmien, inħatar biex jissostitwixxi l-President il-ġdid tat-Tribunal fil-każ tal-assenza tagħha.

[4] Ara COM(2014) 158 final, taqsima 2, Anness I.

(10) Fl-10 ta' Jannar 2017, il-Viċi President tat-Tribunal Kostituzzjonali kien obbligat mill-President tat-Tribunal li kien għadu kif inħatar juża l-liv li kien fadallu. Fl-24 ta' Marzu 2017, il-President tat-Tribunal estenda l-perjodu ta' waqfien mix-xogħol tal-Viċi President tat-Tribunal sal-aħħar ta' Ġunju, minkejja t-talba tal-Viċi President biex jerġa' lura għax-xogħol bħala mħallef fit-Tribunal mill-1 ta' April 2017.

(11) Fit-12 ta' Jannar 2017, il-Ministru tal-Ġustizzja nieda proċedura quddiem it-Tribunal Kostituzzjonali biex isir rieżami tal-kostituzzjonalità tal-elezzjoni fl-2010 ta' tliet imħallfin tat-Tribunal. Wara din il-proċedura, ma ġewx assenjati aktar każijiet lil dawn it-tliet imħallfin.

(12) Fis-16 ta' Jannar 2017, il-President tal-Kummissjoni ta' Venezja ħareġ dikjarazzjoni li fiha esprima t-tħassib tiegħu dwar is-sitwazzjoni li kienet qed tmur għall-agħar fit-Tribunal.

(13) Fl-20 ta' Jannar 2017, il-Gvern ħabbar riforma komprensiva tal-ġudikatura. Il-Ministru tal-Ġustizzja ppreżenta abbozz ta' liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura.

(14) Fil-25 ta' Jannar 2017, il-Ministru tal-Ġustizzja ppreżenta abbozz ta' liġi dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Ġudikatura u l-Prosekuzzjoni Pubblika.

(15) Fl-10 ta' Frar 2017, il-Qorti tal-Appell fil-Varsavja irreferiet kwistjoni ta' liġi lill-Qorti Suprema li għandha x'taqsam mal-valutazzjoni tal-legalità tal-ħatra tal-imħallef Julia Przyłębska fl-uffiċċju tal-President tat-Tribunal Kostituzzjonali. Il-Qorti Suprema għadha ma tatx sentenza.

(16) Fl-24 ta' Frar 2017, is-*Sejm* ħatar imħallef ġdid biex jissostitwixxi mħallef li rriżenja mill-kariga tiegħu fit-Tribunal Kostituzzjonali biex isir imħallef fil-Qorti Suprema Pollakka.

(17) Fl-1 ta' Marzu 2017, grupp ta' 50 membru tas-Sejm talab lit-Tribunal Kostituzzjonali biex jistabbilixxi n-nuqqas ta' kostituzzjonalità tad-dispożizzjonijiet tal-liġi fuq il-Qorti Suprema li abbażi tagħhom l-Ewwel President tal-Qorti Suprema kien ġie elett.

(18) Fit-13 ta' Marzu 2017, il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura rtira erba' mozzjonijiet ippreżentati lit-Tribunal Kostituzzjonali minħabba t-tibdiliet li ddaħħlu għall-kompożizzjoni tal-bordijiet relevanti tas-smigħ wara deċiżjoni mill-President tat-Tribunal.

(19) Fit-12 ta' April 2017, grupp ta' 50 membru tas-Sejm ippreżenta abbozz ta' liġi li jemenda l-liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Komuni.

(20) Fil-11 ta' Mejju 2017, is-*Sejm* adotta l-liġi li temenda l-liġi dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Ġudikatura u l-Prosekuzzjoni Pubblika, il-liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji u ċerti liġijiet oħra ("il-liġi dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Ġudikatura"). Il-liġi ġiet ippubblikata fit-13 ta' Ġunju 2017.

(21) Fl-16 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni infurmat il-Kunsill Affarijiet Ġenerali dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Polonja. Kien hemm qbil ġenerali madwar il-mejda li l-istat tad-dritt huwa ta' interess komuni u responsabbiltà komuni tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri. Maġġoranza ġenerali ħafna tal-Istati Membri kienu ta' sostenn għar-rwol u l-isforzi tal-Kummissjoni biex tindirizza din il-kwistjoni. L-Istati Membri appellaw lill-Gvern Pollakk biex jerġa' jibda d-djalogu mal-Kummissjoni bil-għan li jirrisolvi l-kwistjonijiet pendenti u stennew li jinżammu aġġornati kif xieraq fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali.

(22) Fit-23 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill Ewropew b'mod ġenerali approva r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż indirizzati lill-Istati Membri fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017. Ir-rakkomandazzjoni indirizzata lill-Polonja fiha premessa li tenfasizza li "*Iċ-ċertezza legali u l-fiduċja fil-kwalità u l-prevedibbiltà regolatorja, it-taxxa u politika u istituzzjonijiet oħra huma fatturi importanti li jistgħu jippermettu żieda fir-rata tal-investiment. L-istat tad-dritt u ġudikatura indipendenti huma wkoll essenzjali f'dan il-kuntest. L-indirizzar ta' kwistjonijiet serji relatati mal-istat tad-dritt jgħinu biex titjieb iċ-ċertezza legali".* Fil-11 ta' Lulju 2017, ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż ġew adottati mill-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji[5].

(23) Fil-5 ta' Lulju 2017, wara t-tmiem tal-mandat tal-Viċi President ta' qabel tat-Tribunal Kostituzzjonali, il-President tar-Repubblika ħatar Viċi President ġdid tat-Tribunal, is-Sur Mariusz Muszyński, minkejja l-fatt li hu kien wieħed mit-tlett imħallfin fit-Tribunal maħtura illegalment.

(24) Fil-5 ta' Lulju 2017, grupp ta' membri tas-*Sejm* talab lit-Tribunal Kostituzzjonali jistabbilixxi n-nuqqas ta' kostituzzjonalità tad-dispożizzjonijiet li jippermettu l-Qorti Suprema tafferma l-validità tal-ħatra ta' President tat-Tribunal mill-President tar-Repubblika.

(25) Fit-12 ta' Lulju 2017, grupp ta' membri tas-Sejm ressaq abbozz ta' liġi dwar il-Qorti Suprema li kienet tistipula, *inter alia*, it-tneħħija u l-irtirar sfurzat tal-imħallfin kollha tal-Qorti Suprema, barra dawk indikati mill-Ministru tal-Ġustizzja.

(26) Fit-13 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni kitbet lill-Gvern Pollakk biex tesprimi t-tħassib tagħha dwar il-proposti leġiżlattivi riċenti relatati mas-sistema ġudizzjarja u mal-Qorti Suprema, enfasizzat l-importanza li tieqaf milli tadotta dawn il-proposti sabiex tippermetti djalogu importanti, u stiednet lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin Pollakk u lill-Ministru tal-Ġustizzja Pollakk għal laqgħa dwar dan mill-aktar fis possibbli. Fl-14 ta' Lulju 2017, il-Gvern Pollakk kiteb lill-Kummissjoni fejn tenna l-ispjegazzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni tat-Tribunal Kostituzzjonali.

(27) Fil-15 ta' Lulju 2017, is-Senat approva l-liġi li temenda l-liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura u ċerti liġijiet oħrajn ("il-liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura") u l-liġi li temenda l-liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji ("il-liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji").

(28) Fid-19 ta' Lulju 2017, il-Gvern Pollakk wieġeb l-ittra tal-Kummissjoni tat-13 ta' Lulju 2017, fejn irrefera għar-riformi leġiżlattivi attwali tal-ġudikatura Pollakka u fejn talab lill-Kummissjoni tippreżenta t-tħassib konkret tagħha relatat mal-liġijiet il-ġodda sabiex ikun hemm aktar diskussjoni.

(29) Fit-22 ta' Lulju 2017, is-Senat approva l-liġi dwar il-Qorti Suprema.

(30) Fl-24 ta' Lulju 2017, il-President tar-Repubblika għamel dikjarazzjoni dwar id-deċiżjoni tiegħu li jirreferi lura lis-Sejm il-liġi dwar il-Qorti Suprema u l-liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura.

(31) Fil-25 ta' Lulju 2017, il-President tar-Repubblika ffirma l-liġi li temenda l-liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji.

---

[5] Premessa 14 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Polonja u l-għoti ta' opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tal-Polonja.

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. Ir-Repubblika tal-Polonja jeħtieġ li tqis kif xieraq l-analiżi tal-Kummissjoni deskritta hawn taħt u li tieħu l-miżuri li jidhru fit-taqsima 5 ta' din ir-Rakkomandazzjoni sabiex it-tħassib identifikat jiġi solvut fil-limitu taż-żmien stabbilit.

1. SKOP TAR-RAKKOMANDAZZJONI

2. Ir-Rakkomandazzjoni attwali tikkumplimenta r-Rakkomandazzjonijiet tas-27 ta' Lulju 2016 u tal-21 ta' Diċembru 2016. Teżamina liema fost it-tħassib li tqajjem f'dawk ir-rakkomandazzjonijiet ġie indirizzat, tistabbilixxi t-tħassib li għad fadal u telenka għadd ta' punti ta' tħassib ġdid tal-Kummissjoni fir-rigward tal-istat tad-dritt fil-Polonja li tqajjem minn dak iż-żmien 'il hawn. Abbażi ta' dan, tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet Pollakki dwar kif għandu jiġi indirizzat dan it-tħassib. It-tħassib jikkonċerna l-kwistjonijiet li ġejjin:

(1) in-nuqqas ta' rieżami kostituzzjonali indipendenti u leġittimu;

(2) l-adozzjoni mill-Parlament Pollakk ta' leġiżlazzjoni ġdida relatata mal-ġudikatura Pollakka li tqajjem tħassib gravi fir-rigward tal-indipendenza ġudizzjarja u żżid b'mod sinifikanti t-theddid sistemiku għall-istat tad-dritt fil-Polonja:

(a) il-liġi li temenda l-liġi dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Ġudikatura u l-Prosekuzzjoni Pubblika, il-liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji u ċerti liġijiet oħra ("il-liġi dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Ġudikatura"); ippubblikata f' Il-Ġurnal Offiċjali Pollakk fit-13 ta' Ġunju 2017 u li daħlet fis-seħħ fl-20 ta' Ġunju 2017;

(b) il-liġi li temenda l-liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura u ċerti liġijiet oħra ("il-liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura"); approvata mis-Senat fil-15 ta' Lulju 2017. din il-liġi ntbagħtet lura lis-Sejm fl-24 ta' Lulju 2017.

(c) il-liġi li temenda l-liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji ("il-liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji"); approvata mis-Senat fil-15 ta' Lulju 2017 u ffirmata mill-President fil-25 ta' Lulju;

(d) il-liġi dwar il-Qorti Suprema; approvata mis-Senat fit-22 ta' Lulju 2017. din il-liġi ntbagħtet lura lis-Sejm fl-24 ta' Lulju 2017.

2. IN-NUQQAS TA' RIEŻAMI KOSTITUZZJONALI INDIPENDENTI U LEĠITTIMU

3. Fir-Rakkomandazzjoni tagħha tal-21 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni rrakkomandat li l-awtoritajiet Pollakki jieħdu l-azzjonijiet li ġejjin li kienu diġà mitluba fir-Rakkomandazzjoni tagħha tas-27 ta' Lulju 2016:

(a) Jimplimentaw bis-sħiħ is-sentenzi tat-Tribunal Kostituzzjonali tat-3 u tad-9 ta' Diċembru 2015 li jirrikjedu li t-tliet imħallfin li ġew maħtura legalment f'Ottubru 2015 mil-leġiżlatura preċedenti jkunu jistgħu jassumu l-funzjoni tagħhom ta' mħallef fit-Tribunal Kostituzzjonali, u li t-tliet imħallfin maħtura mil-leġiżlatura l-ġdida mingħajr bażi ġuridika valida ma jassumux il-kariga ta' mħallef mingħajr ma jiġu eletti b'mod validu; għal din ir-raġuni, il-President tar-Repubblika huwa meħtieġ jieħu l-ġurament tat-tliet imħallfin eletti bil-leġiżlatura preċedenti b'urġenza;

(b) Jippubblikaw u jimplimentaw bis-sħiħ is-sentenzi tat-Tribunal Kostituzzjonali tad-9 ta' Marzu 2016 u s-sentenza tal-11 ta' Awwissu 2016 li jirrigwardaw il-liġi tat-22 ta' Lulju 2016 dwar it-Tribunal Kostituzzjonali u sentenzi oħra mogħtija wara dik id-data u sentenzi futuri;

(c) Jiżguraw li kwalunkwe riforma fil-liġi dwar it-Tribunal Kostituzzjonali tirrispetta s-sentenzi tat-Tribunal Kostituzzjonali, tqis bis-sħiħ l-Opinjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja u tiżgura li l-effettività tat-Tribunal Kostituzzjonali bħala garanti tal-Kostituzzjoni ma tkunx imdgħajfa;

(d) Ma jiħdux azzjonijiet u ma jagħmlux dikjarazzjonijiet pubbliċi li jistgħu jdgħajfu l-leġittimità u l-effiċjenza tat-Tribunal Kostituzzjonali.

4. Barra dawn l-azzjonijiet, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-awtoritajiet Pollakki:

(e) Jiżguraw li t-Tribunal Kostituzzjonali jista' jirrevedi b'urġenza l-kostituzzjonalità tal-liġi dwar l-I*status* tal-Imħallfin b'mod effettiv, il-liġi dwar l-Organizzazzjoni u l-Proċedimenti u l-liġi tal-Implimentazzjoni, u li s-sentenzi kkonċernati jiġu ppubblikati mingħajr dewmien u implimentati bis-sħiħ;

(f) Jiżguraw li ma ssir l-ebda ħatra tal-President il-ġdid tat-Tribunal Kostituzzjonali sakemm is-sentenzi mit-Tribunal Kostituzzjonali dwar il-kostituzzjonalità tal-liġijiet il-ġodda ma jkunux ġew ippubblikati u implimentati bis-sħiħ, u sakemm it-tliet imħallfin li ġew maħtura legalment f'Ottubru 2015 mis-7 leġiżlatura tas-*Sejm* ikunu għadhom ma assumewx il-funzjonijiet ġudizzjarji tagħhom fit-Tribunal;

(g) Jiżguraw li sakemm ma jkunx ġie maħtur legalment President ġdid tat-Tribunal Kostituzzjonali, dan jiġi sostitwit mill-Viċi President tat-Tribunal u mhux minn aġent President, jew mill-persuna maħtura bħala President tat-Tribunal fil-21 ta' Diċembru 2016.

5. Il-Kummissjoni tosserva li l-ebda waħda mill-azzjonijiet rakkomandati mill-Kummissjoni ma ġiet implimentata:

(a) It-tliet imħallfin li ġew maħtura legalment f'Ottubru 2015 bil-leġiżlatura preċedenti għadhom ma jistgħux jassumu l-funzjoni ta' mħallef tat-Tribunal Kostituzzjonali. B'kuntrast, it-tliet imħallfin maħtura mingħajr bażi ġuridika valida mit-tmien (8) leġiżlatura tas-*Sejm* kienu ammessi jassumu l-kariga tagħhom mill-aġent President tat-Tribunal;

(b) It-tliet sentenzi importanti tat-Tribunal Kostituzzjonali tad-9 ta' Marzu 2016, tal-11 ta' Awwissu 2016 u tas-7 ta' Novembru 2016 għadhom ma ġewx ippubblikati u tneħħew mir-reġistru tat-Tribunal li hu aċċessibbli mill-websajt tiegħu. B'kuntrast sentenzi oħra li ma kinux għadhom ġew ippubblikati fi żmien l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-21 ta' Diċembru 2016 ġew ippubblikati fid-29 ta' Diċembru 2016 f' Il-Ġurnal tal-Liġijiet;

(c) il-liġi dwar l-i*status* tal-imħallfin, il-liġi dwar l-Organizzazzjoni u l-Proċedimenti u l-liġi tal-Implimentazzjoni, għadhom ma ġewx soġġetti b'urġenza, għar-rieżami effettiv tal-kostituzzjonalità tagħhom mit-Tribunal Kostituzzjonali u l-ħatra ta' President ġdid tat-Tribunal Kostituzzjonali saret qabel ma jkun jista' jsir dak ir-rieżami;

(d) Wara tmiem il-mandat tal-President ta' qabel tat-Tribunal Kostituzzjonali, għadu ma ġiex maħtur President ġdid b'mod legali. Il-President preċedenti ma ġiex sostitwit mill-Viċi President tat-Tribunal iżda minn aġent President u,

sussegwentement, mill-persuna maħtura bħala President tat-Tribunal fil-21 ta' Diċembru 2016.

6. Kif spjegat fir-Rakkomandazzjoni tagħha tal-21 ta' Diċembru 2016[6], il-Kummissjoni tqis li l-proċedura li wasslet għall-ħatra ta' President ġdid tat-Tribunal hija fundamentalment żbaljata fir-rigward tal-istat tad-dritt. Il-proċedura kienet inbdiet minn aġent President li l-ħatra tiegħu qajmet tħassib serju dwar il-prinċipji ta' separazzjoni tas-setgħat u l-indipendenza tal-ġudikatura kif imħarsa mill-Kostituzzjoni Pollakka. Barra minn hekk, il-fatt li l-proċedura ħalliet li t-tliet "imħallfin ta' Diċembru" li ġew maħtura illegalment bil-leġiżlatura l-ġdida tas-*Sejm* jipparteċipaw fil-proċess, għamel il-proċedura tal-għażla kollha kemm hi antikostituzzjonali. Bl-istess mod, il-fatt li "l-imħallfin ta' Ottubru" li ġew eletti legalment ma setgħux jipparteċipaw fil-proċess b'mod ugwali kellu impatt fuq ir-riżultat, u għaldaqstant ivvizzja l-proċess. Barra minn hekk, in-notifika qasira ħafna għall-konvokazzjoni tal-Assemblea Ġenerali u r-rifjut li tiġi posposta l-laqgħa qajjem tħassib serju. Fl-aħħar nett, l-elezzjoni tal-kandidati minn sitt imħallfin biss kienet inkompatibbli mas-sentenza tat-Tribunal tas-7 ta' Novembru 2016 li skontha l-Artikolu 194(2) tal-Kostituzzjoni jrid jinftiehem li jistipula li l-President tat-Tribunal għandu jkun maħtur mill-President tar-Repubblika minn fost kandidati li kisbu vot ta' maġġoranza fl-Assemblea Ġenerali tat-Tribunal.

7. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li wara l-ħatra tal-President tat-Tribunal Konstituzzjonali għadd ta' żviluppi komplew iddgħajfu l-leġittimità tat-Tribunal. B'mod partikolari: il-Viċi President tat-Tribunal, li l-kariga tiegħu hija rikonoxxuta fil-Kostituzzjoni, kien obbligat mill-President tat-Tribunal li ġie maħtur ġdid jużu' l-liv li kien fadallu sal-aħħar tal-mandat tiegħu; b'konsegwenza ta' azzjoni miġjuba mill-Prosekutur Ġenerali biex jisfida l-validità tal-elezzjoni fl-2010 tat-tliet imħallfin tat-Tribunal Kostituzzjonali, dawn l-imħallfin kienu sussegwentement eskluži mill-attivitajiet ġudizzjarji tat-Tribunal; il-President il-ġdid tat-Tribunal bidel il-kompożizzjoni tal-gruppi tal-ġudikatura li jisimgħu il-kawżi u l-kawżi ġew assenjati mill-ġdid lill-bordijiet li kienu jikkonsistu parzjalment minn imħallfin maħtura illegalment. talbiet, b'mod partikolari mill-Ombudsman, bil-għan li jitneħħew imħallfin maħtura illegalment minn bordijiet li jaqtgħu kawżi ġew miċħuda; għadd importanti ta' sentenzi nqatgħu minn ġudikatura li kienet tinkludi mħallfin maħtura illegalment; fl-aħħar, wara tmiem il-mandat tal-Viċi President, imħallef maħtur illegalment inħatar bħala l-Viċi President il-ġdid tat-Tribunal.

8. Dawn l-iżviluppi *de facto* wasslu għall-kompożizzjoni kompleta mill-ġdid tat-Tribunal Kostituzzjonali barra l-proċess kostituzzjonali normali għall-ħatriet tal-imħallfin.

9. It-tweġiba tal-awtoritajiet Pollakki għar-Rakkomandazzjoni kumplimentari tal-Kummissjoni li waslet fl-20 ta' Frar 2017 ma ttaffix it-tħassib tal-Kummissjoni, u ma ssemmi l-ebda miżura konkreta biex jiġu indirizzati il-kwistjonijiet li qajmet il-Kummissjoni. It-tweġiba ssostni li l-liġijiet il-ġodda dwar it-Tribunal Kostituzzjonali u l-ħatra ta' President ġdid tat-Tribunal Kostituzzjonali ħolqu l-kundizzjonijiet xierqa għall-funzjonament tiegħu wara perjodu ta' paraliżi kkawżat mit-tilwim politiku tal-politikanti tal-oppożizzjoni. Fir-rigward tal-kompożizzjoni tat-Tribunal it-tweġiba, bħat-tweġiba ta' qabilha għar-Rakkomandazzjoni tas-27 ta' Lulju 2016, tiċħad kwalunkwe effett fuq is-sentenzi tat-Tribunal Kostituzzjonali tat-3 u tad-9 ta' Diċembru 2015. Dwar il-proċedura tal-għażla għall-President tat-Tribunal

[6] Ara t-taqsimiet 5.3 u 5.4 tar-Rakkomandazzjoni.

Konstituzzjonali, it-tweġiba tinjora s-sentenza tas-7 ta' Novembru 2016 li skontha l-Kostituzzjoni teżiġi li l-President tat-Tribunal għandu jkun maħtur minn fost kandidati li kisbu vot ta' maġġoranza fl-Assemblea Ġenerali tat-Tribunal. Fir-rigward tar-rwol tal-Viċi President tat-Tribunal, it-tweġiba tinjora' l-fatt li l-Kostituzzjoni b'mod espliċitu tirrikonoxxi l-kariga ta' Viċi President li hi soġġetta għall-istess proċedura tal-ħatra bħall-President tat-Tribunal. Rigward il-ħatra ta' aġent President tat-Tribunal Kostituzzjonali, it-tweġiba ma tidentifika l-ebda bażi ġuridika fil-Kostituzzjoni, u tqis li kien mekkaniżmu ta' aġġustament eċċezzjonali determinat minn ċirkustanzi straordinarji.

10. Fl-aħħar, il-Kummissjoni tqis li l-indipendenza u l-leġittimità tat-Tribunal Kostituzzjonali huma mdgħajfa serjament u, konsegwentement, il-kostituzzjonalità tal-liġijiet Pollakki ma tistax tibqa' tiġi ggarantita b'mod effettiv[7]. Din is-sitwazzjoni hija partikolarment inkwetanti fir-rigward tar-rispett tal-istat tad-dritt peress li, kif ġie spjegat fir-Rakkomandazzjonijiet preċedenti, għadd ta' atti leġiżlattivi ġodda, partikolarment sensittivi ġew adottati mill-Parlament Pollakk, bħall-Att tas-Servizz Ċivili ġdid[8], il-liġi li temenda l-liġi dwar il-Pulizija u ċerti liġijiet oħra[9] u l-liġijiet dwar l-Uffiċċju tal-Persekuzzjoni Pubblika[10], il-liġi dwar l-Ombudsman u li temenda ċerti liġijiet oħra[11], il-liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali tal-Midja[12] u l-liġi dwar l-antiterroriżmu[13]

11. Barra minn hekk, l-impatt negattiv fuq l-istat tad-dritt tan-nuqqas ta' rieżami kostituzzjonali indipendenti u leġittimu fil-Polonja issa huwa aggravat serjament mill-fatt li l-kostituzzjonalità tal-liġijiet il-ġodda relatati mas-sistema ġudizzjarja Pollakka msemmija hawn fuq f'paragrafu 2(2) u analizzata aktar fit-Taqsima 3 hawn taħt ma tkunx tista' tiġi vverifikata u ggarantita minn tribunal kostituzzjonali indipendenti aktar.

3. IT-THEDDID GĦALL-INDIPENDENZA ĠUDIZZJARJA

12. Il-liġi dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Ġudikatura, il-liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura, il-liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji u l-liġi dwar il-

---

7 Skont l-Artikolu 188 tal-Kostituzzjoni, it-Tribunal Kostituzzjonali għandu jiddeċiedi dwar il-konformità ta' statuti u ftehim internazzjonali mal-Kostituzzjoni, dwar il-konformità ta' statut ma' ftehim internazzjonali ratifikat li r-ratifika tiegħu kienet teħtieġ kunsens minn qabel mogħti minn statut, dwar il-konformità ta' dispożizzjonijiet legali maħruġa minn korpi tal-Istat ċentrali għall-kostituzzjoni, ftehim u statuti internazzjonali ratifikati, dwar il-konformità mal-kostituzzjoni tal-għanijiet jew l-attivitajiet ta' partiti politiċi, u dwar ilmenti li għandhom x'jaqsmu ma' ksur kostituzzjonali. Skont l-Artikolu 189 tal-Kostituzzjoni, it-Tribunal Kostituzzjonali għandu jsolvi wkoll tilwim dwar l-awtorità bejn korpi kostituzzjonali ċentrali tal-Istat.

8 Il-liġi tat-30 ta' Diċembru 2015 li temenda l-liġi dwar is-Servizz Pubbliku u ċerti atti oħra, ippubblikati f' Il-Ġurnal Uffiċjali fit-8 ta' Jannar 2016, punt 34.

9 Il-liġi tal-15 ta' Jannar 2016 li temenda l-liġi dwar il-Pulizija u liġijiet oħra, ippubblikati f' Il-Ġurnal Uffiċjali fl-4 ta' Frar 2016, punt 147.

10 Il-liġi tat-28 ta' Jannar 2016 dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur, ippubblikata f' Il-Ġurnal Uffiċjali fil-15 ta' Frar 2016, punt 177. Il-liġi tat-28 ta' Jannar 2016 - ir-Regolamenti li jimplimentaw l-Att - il-liġi dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur, ippubblikata f' Il-Ġurnal Uffiċjali fil-15 ta' Frar 2016, punt 178.

11 Il-liġi tat-18 ta' Marzu 2016 dwar l-Ombudsman u li temenda ċerti liġijiet oħra. Il-liġi ġiet iffirmata mill-President tar-Repubblika fl-4 ta' Mejju 2016.

12 Il-liġi tat-22 ta' Ġunju 2016 dwar il-Kunsill Nazzjonali tal-Midja. Il-liġi ġiet iffirmata mill-President tar-Repubblika fis-27 ta' Ġunju 2016.

13 Il-liġi tal-10 ta' Ġunju 2016 kontra t-terroriżmu. Il-liġi ġiet iffirmata mill-President tar-Repubblika fit-22 ta' Ġunju 2016.

Qorti Suprema fihom għadd ta' dispożizzjonijiet li jqajmu tħassib gravi fir-rigward tal-prinċipji tal-indipendenza ġudizzjarja u s-separazzjoni tas-setgħat.

13. Il-Kummissjoni tinnota li għadd ta' dikjarazzjonijiet jew opinjonijiet, inkluż mill-Qorti Suprema, l-Ombudsman u l-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura, esprimew tħassib dwar il-kompatibbiltà tal-liġijiet il-ġodda mal-Kostituzzjoni.

3.1. L-assistenti mħallfin

14. Skont l-Artikolu 2(1) u 2(36) tal-liġi li temenda l-liġi dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Ġudikatura u l-Prosekuzzjoni Pubblika, il-liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji u ċerti liġijiet oħra, l-assistenti mħallfin ikunu inkarigati bil-kompiti ta' mħallef fi qrati distrettwali għal perjodu ta' erba' snin. B'mod partikolari, l-assistenti mħallfin ikollhom permess jaġixxu bħala mħallef wieħed fi qrati distrettwali.

15. Madankollu, skont is-sistema ġudizzjarja Pollakka, l-assistenti mħallfin ma għandhomx l-istess *status* ta' mħallfin[14]. L-assistenti mħallfin jinħatru għat-terminu limitat ta' erba' snin u wara 36 xahar ikunu jistgħu jibdew japplikaw għall-proċedimenti ġodda biex isiru mħallfin. L-assistenti mħallfin mhumiex suġġetti għall-istess garanziji biex iħarsu l-indipendenza ġudizzjarja bħal dawk applikabbli għall-imħallfin – pereżempju fir-rigward tal-ħatra, li mhix suġġetta għall-istess proċedura bħal tal-imħallfin. B'differenza għall-kariga tal-imħallfin, il-kariga tal-assistanti mħallfin li jaqdu l-funzjonijiet ġudizzjarji mhix prevista fil-Kostituzzjoni. Dan juri li l-i*status* tagħhom, kif ukoll il-garanziji għall-indipendenza tagħhom, jistgħu jiġu mmodifikati bil-liġi ordinarja, u ma jirrikjedu l-ebda tibdil tal-Kostituzzjoni[15].

16. Matul il-proċess leġiżlattiv tal-liġi dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Ġudikatura, il-Qorti Suprema u l-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura esprimew it-tħassib tagħhom dwar jekk il-garanziji għall-indipendenza tal-assistenti mħallfin jikkonformawx mal-Kostituzzjoni u jekk humiex suffiċjenti biex jissodifaw ir-rekwiżiti ta' smigħ xieraq imnaqqax fl-Artikolu 6(1) QEDB[16]. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem affermat li r-reġim preċedenti dwar l-assistenti mħallfin fil-Polonja ma kienx jissodisfa dawn il-kriterji[17].

17. Meta jitqies il-mandat qasir tagħhom, l-i*status* tal-assistenti mħallfin jagħmilhom partikolarment vulnerabbli għall-influwenza esterna, notevolment mill-Ministru tal-Ġustizzja. Il-Ministru tal-Ġustizzja għandu influwenza sinifikanti fuq il-karriera tal-assistenti mħallfin hekk kif inhu involut ukoll fil-proċess sussegwenti tal-għażla u l-ħatra bħala mħallef. L-assistenti mħallfin li jixtiequ jsiru mħallef iridu jgħaddu minn

---

[14] L-assistenti mħallfin, għalkemm huma inkarigati bid-dmirijiet ta' mħallef, jinħatru mill-Ministru tal-Ġustizzja direttament b'involviment minimu tal-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura peress li dan jista' biss iqajjem oġġezzjoni fi żmien 30 ġurnata.

[15] L-indipendenza tal-imħallef jenħtieġ li tiġi minquxa fil-kostituzzjoni b'aktar regoli speċifiċi pprovduti fil-livell leġiżlattiv (Rakkomandazzjoni CM / Ġabra (2010)12 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-imħallfin: l-indipendenza, l-effiċjenza u r-responsabbiltajiet, adottati fis-17 ta' Nov. 2010 ('ir-Rakkomandazzjoni tal-KtE tal-2010'), para 7). Jenħtieġ li jiġi nnotat ukoll li l-Qorti Suprema u l-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura fl-opinjonijiet tagħhom qajmu kwistjonijiet tal-kostituzzjonalità ta' din il-liġi.

[16] L-opinjoni tal-Qorti Suprema tat-3 ta' Frar 2017; L-opinjoni tal-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura tal-10 ta' Frar 2017.

[17] Il-QEDB fil-Kawża *Henryk Urban u Ryszard Urban vs. il-Polonja* 23614/08, 28 ta' Frar 2011; Il-QEDB fil-Kawża *Mirosław Garlicki vs. il-Polonja*, 36921/07, 14 ta' Sett. 2011; Il-QEDB fil-Kawża *Pohoska vs. il-Polonja*, 33530/06 10 ta' Apr. 2012.

proċedura tal-għażla u tal-ħatra kompletament ġdida. L-assistenti mħallfin iridu l-ewwel jagħmlu applikazzjoni biex jinħatru bħala mħallef għall-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura li jipproċedi għal valutazzjoni sħiħa tal-kandidat u jiddeċiedi jekk għandux jipproponi lill-kandidat għall-kariga ta' mħallef lill-president tar-Repubblika. Huwa l-President tar-Repubblika li jaħtar il-kandidat għall-kariga ta' mħallef. Ix-xewqa leġittima tal-assistenti mħallfin li jsiru mħallef, b'konnessjoni man-nuqqas ta' garanziji suffiċjenti għall-ħarsien tal-indipendenza personali tagħhom matul dan il-perjodu, tesponi lill-assistenti mħallfin għal pressjoni mill-Ministru tal-Ġustizzja u tista' taffettwa l-indipendenza personali tagħhom meta jaġġudikaw il-kawżi.

3.2. Il-presidenti tal-qorti

18. Fis-sistema ġudizzjarja Pollakka, il-presidenti tal-qorti għandhom rwol doppju: ma għandhomx biss ir-responsabbiltà bħala maniġers tal-qorti, iżda jagħmlu wkoll funzjonijiet ġudizzjarji. Il-liġi l-ġdida dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji tqajjem tħassib fir-rigward tal-indipendenza personali tal-presidenti tal-qrati meta jkunu qegħdin jaqdu l-funzjoni ġudizzjarja tagħhom, iżda wkoll fir-rigward tal-influwenza tagħhom fuq imħallfin oħra.

19. L-Artikoli 1(6), 17(1) u 18(1) tal-liġi l-ġdida dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji tipprovdi regoli dwar it-tneħħija u l-ħatra tal-presidenti tal-qorti. Matul perjodu ta' sitt xhur, il-Ministru tal-Ġustizzja jingħata s-setgħa jaħtar u jneħħi l-presidenti tal-qrati mingħajr ma jkun marbut bi kriterji konkreti, mingħajr obbligazzjoni li jagħti r-raġunijiet, u mingħajr l-ebda possibbiltà għall-ġudikatura (la l-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura, lanqas il-bord tal-imħallfin tal-qorti konċernat) li timblokka dawn id-deċiżjonijiet. Barra dan, ma jeżisti l-ebda rieżami ġudizzjarju kontra deċiżjoni ta' tneħħija tal-Ministru tal-Ġustizzja. Wara perjodu ta' sitt xhur, il-Ministru tal-Ġustizzja jkun jista' jaħtar presidenti tal-qrati skont id-diskrezzjoni tiegħu; f'każ biss tat-tneħħija tal-president tal-qorti, il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura jkun jista', b'maġġoranza kwalifikata ta' żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kunsill, jimblokka d-deċiżjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja[18].

20. Is-setgħa tal-Ministru tal-Ġustizzja li arbitrarjament ineħħi l-presidenti tal-qorti tippermetti li l-Ministru tal-Ġustizzja jżomm influwenza fuq il-presidenti tal-qorti li tista' taffettwa l-indipendenza personali tagħhom meta jaġġudikaw il-kawżi. Pereżempju, president tal-qorti li jintalab jagħti sentenza f'kawża sensittiva kontra l-Istat jista' jħoss il-pressjoni mill-Ministru tal-Ġustizzja biex jaġixxi skont il-pożizzjoni tal-Istat sabiex jevita li jitneħħa bħala president tal-qorti.

21. Barra dan, imħallfin li mhumiex presidenti tal-qorti, iżda li jixtiequ jsiru presidenti tal-qorti jista' jkollhom it-tendenza li ma jmorrux kontra l-pożizzjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja, sabiex ma jnaqqsux il-possibbiltajiet tagħhom li jinħatru presidenti tal-qorti. B'riżultat ta' dan, l-indipendenza personali tagħhom tkun bl-istess mod affettwata, meta jkunu qed jaġġudikaw il-kawżi.

22. Jenħtieġ li jiġi nnotat ukoll li l-presidenti tal-qorti fil-kapaċità tagħhom ta' maniġers tal-qorti, għandhom setgħat fuq imħallfin oħra u għalhekk jistgħu wkoll jinterferixxu mal-indipendenza personali ta' dawn l-imħallfin. Pereżempju, il-presidenti tal-qorti għandhom is-setgħa jissostitwixxu mħallfin fil-funzjoni tagħhom ta' kapijiet ta' diviżjoni jew ta' taqsima tal-qrati, is-setgħa li joħorġu notifiki bil-miktub lil dawn il-

[18] Art. 1(7) tal-liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji.

kapijiet tad-diviżjoni u taqsima li jinvolvu sanzjonijiet pekunjarji f'każ ta' defiċjenzi, u s-setgħa li jittrasferixxu mħallfin mingħajr il-kunsens tagħhom fid-distrett ġudizzjarju relevanti.

23. Fl-aħħar, dawn il-provvedimenti jqajmu tħassib ta' kostituzzjonalità kif ġie indikat notevolment mill-opinjonijiet tal-Qorti Suprema, tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura u tal-Ombudsman. B'mod partikolari, il-permess ta' tali possibbiltà ta' tneħħija tal-presidenti tal-qorti bħal dik mill-Ministru tal-Ġustizzja tinjora' l-prinċipji tal-indipendenza ġudizzjarja u s-separazzjoni tas-setgħat.

3.3. Il-ħatra u l-karriera tal-imħallfin

24. Skont il-Kostituzzjoni Pollakka l-indipendenza tal-imħallfin hi salvagwardjata mill-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura[19]. Ir-rwol tal-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura għandu impatt dirett fuq l-indipendenza tal-imħallfin b'mod partikolari fir-rigward tal-promozzjoni, it-trasferiment, il-proċedimenti dixxiplinari, it-tneħħija u l-irtirar kmieni tagħhom. Pereżempju, il-promozzjoni ta' mħallef (eż. minn qorti distrettwali għal qorti reġjonali) teħtieġ li l-President tar-Repubblika jerġa' jaħtar l-imħallef għal darb'oħra, u għalhekk il-proċedura għall-valutazzjoni u l-ħatra ġudizzjarja li tinvolvi l-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura tkun trid terġa' tiġi segwita.

25. Għal din ir-raġuni, fl-Istati Membri fejn ġie stabbilit Kunsill għall-Ġudikatura, l-indipendenza tiegħu hija partikolarment importanti biex tiġi evitata influwenza żejda mill-Gvern jew mill-Parlament dwar l-indipendenza tal-imħallfin. Pereżempju, fil-kuntest ta' proċedimenti dixxiplinari kontra l-imħallfin immexxija minn Kunsill, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem staqsiet dwar il-livell ta' influwenza tal-awtoritajiet leġiżlattivi jew eżekuttivi peress li l-Kunsill kien kompost minn maġġoranza ta' membri maħtura direttament minn dawn l-awtoritajiet[20]. Għall-istess raġuni, standards Ewropej stabbiliti sew, b'mod partikolari r-Rakkomandazzjoni tal-2010 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, jistipulaw li "mhux inqas minnofs il-membri tal-[Kunsilli għall-Ġudikatura] jenħtieġ li jkunu mħallfin <u>magħżula mill-kollegi tagħhom</u> mil-livelli kollha tal-ġudikatura u b'rispett għall-pluraliżmu fil-ġudikatura"[21]. Hija responsabbiltà tal-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi ġudizzjarji tagħhom, inkluż jekk għandhomx jistabbilixxu Kunsill għall-Ġudikatura. Madankollu, fejn ġie stabbilit Kunsill bħal dak, kif inhu l-każ fil-Polonja, l-indipendenza tiegħu trid tiġi ggarantita skont l-istandards Ewropej.

26. Sa issa, is-sistema Pollakka kienet kollha konformi ma' dawn l-istandards peress li l-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura kien kompost minn maġġoranza ta' mħallfin magħżula mill-imħallfin. L-Artikoli 1(1) u 7 tal-liġi li temenda l-liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura se jbiddlu radikalment dan ir-reġim billi jipprovdu li l-15-il imħallef membru tal-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura jiġu maħtura, u

---

[19] L-Artikolu 186(1) tal-Kostituzzjoni Pollakka: "Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura għandu jissalvagwardja l-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin".

[20] Il-QEDB fil-Kawża *Ramos Nunes de Carvalho E Sá vs. il-Portugal*, 55391/13, 57728/13 u 74041/13, 21 ta' Ġunju 2016, para 77.

[21] Il-para 27: ara wkoll il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar it-Tisħiħ tal-Indipendenza u l-Imparzjalità Ġudizzjarja adottat fit-13 ta' April 2016, (CM(2016)36 finali) fis-Ċ punt (ii). l-opinjoni Nru 10 tas-CCJE (Consultative Council of European Judges - Kunsill Konsultativ ta' Imħallfin Ewropej) dwar il-Kunsill għall-Ġudikatura fis-servizzi tas-soċjetà, fis-27; diversi opinjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja u l-istandards tal-ENCJ (European Network of Councils for the Judiciary – Network ta' Kunsilli Ewropej għall-Ġudikatura) fir-Rapport "Kunsilli għall-Ġudikatura" 2010-11 f'2.3.

jistgħu jiġu maħtura mill-ġdid, mis-*Sejm*[22] kif ukoll billi tiġi stabbilita struttura ġdida fil-Kunsill. Ir-regoli l-ġodda dwar il-ħatra tal-imħallfin membri tal-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura jżidu b'mod sinifikanti l-influwenza tal-Parlament fuq il-Kunsill u jaffettwaw b'mod negattiv l-indipendenza tiegħu b'kontradizzjoni mal-istandards Ewropej. Il-fatt li l-imħallfin membri jiġu maħtura mis-*Sejm* b'maġġoranza ta' 3/5 ma jtaffix dan it-tħassib.

27. Il-fatt li, skont l-Artikolu 5(1) tal-liġi li temenda l-liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura, l-mandati tal-imħallfin membri attwali kollha tal-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura jiġu tterminati qabel iż-żmien, ikompli jaggrava dan it-tħassib peress li l-Parlament se jikseb immedjatament influwenza deċiżiva fuq il-kompożizzjoni tal-Kunsill bi ħsara għall-influwenza tal-imħallfin infushom.

28. Il-politiċizzazzjoni tal-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura huwa wkoll aggravat bl-istruttura interna l-ġdida. Skont l-Artikolu 1(7) tal-liġi li temenda l-liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura, il-Kunsill ikun kompost minn żewġ assemblei: l-ewwel b'maġġoranza tal-Membri Parlamentari, it-tieni b'imħallfin maħtura mill-Parlament. Formalment, il-Kunsill jibqa' kompost minn maġġoranza ta' mħallfin, iżda fir-realtà l-assemblea "politika" l-ġdida tista' tagħmel il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura aktar diffiċli. Jekk iż-żewġ assemblei kienu diverġenti fil-valutazzjoni tagħhom ta' kandidat, l-assemblea li għandha opinjoni pożittiva tista' titlob valutazzjoni mill-ġdid mill-Kunsill fil-kompożizzjoni sħiħa tiegħu b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kunsill. Dak il-limitu jkun diffiċli ħafna biex jintlaħaq, ukoll minħabba ż-żieda fl-influwenza tas-setgħa leġiżlattiva fuq il-kompożizzjoni tal-Kunsill. Dan ir-reġim il-ġdid ikollu impatt dirett fuq il-ħatra u l-karriera tal-imħallfin fil-Polonja peress li l-imħallfin membri tal-Kunsill li huma fit-tieni assemblea jista' f'ċerti ċirkustanzi ma jibqagħlhomx aktar l-aħħar kelma fuq materji li jikkonċernaw il-valutazzjoni tal-kandidati għall-kariga ta' mħallfin[23].

29. Din is-sitwazzjoni tqajjem tħassib mill-perspettiva tal-indipendenza tal-ġudikatura. Pereżempju, imħallef ta' qorti distrettwali li jkollu jagħti sentenza f'kawża politikament sensittiva, filwaqt li l-imħallef qiegħed fl-istess ħin japplika għall-promozzjoni biex isir imħallef ta' qorti reġjonali, jista' jkollu t-tendenza li jsegwi l-pożizzjoni ppreferuta mill-maġġoranza politika sabiex ma jipperikolax il-possibbiltà tiegħu li jikseb promozzjoni. Anke jekk dan ir-riskju ma jseħħx, ir-reġim il-ġdid ma jipprovdix garanziji suffiċjenti biex jassigura d-dehra ta' indipendenza li hija kruċjali biex tinżamm il-fiduċja li t-tribunali f'soċjetà demokratika jridu jispiraw fil-pubbliku[24].

30. Il-Kummissjoni tinnota li fl-opinjonijiet tagħhom li jirrigwardaw l-abbozz, il-Qorti Suprema u l-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura qajmu ħafna tħassib rigward il-kostituzzjonalità tar-reġim il-ġdid. B'mod partikolari, ġie nnotat li r-regoli l-ġodda

---

[22] Il-Kostituzzjoni tistipula li l-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura huwa kompost minn membri *ex officio* (l-Ewwel President tal-Qorti Suprema, il-Ministru tal-Ġustizzja, il-President tal-Qorti Amministrattiva Suprema u persuna maħtura mill-president) u l-membri eletti. Il-membri eletti jikkonsistu f'erba' deputati "*magħżula mis-Sejm*", żewġ senaturi "*magħżula mis-Senat*" u 15-il imħallef ("*magħżula minn fost*" il-qrati komuni, amministrattivi u militari u mill-Qorti Suprema).

[23] Dan huwa kuntrarju għall-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa: Ir-Rakkomandazzjoni tal-2010 tal-KtE (para. 26); Il-Pjan ta' Azzjoni dwar it-Tisħiħ tal-Indipendenza u l-Imparzjalità Ġudizzjarja tal-Kunsill tal-Ewropa adottat fit-13 ta' April 2016, (CM(2016)36 finali), taħt is-C.

[24] Il-Kawża tal-QEDB *Morice vs. Franza*, 29369/10, it-23 ta' Apr. 2015, para. 78: *Ċipru vs. It-Turkija*, 25781/94, l-10 ta' Mejju 2001, para. 233.

jagħmlu l-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura dipendenti fuq id-deċiżjonijiet politiċi tal-maġġoranza parlamentari. L-opinjonijiet jenfasizzaw ukoll li l-Kunsill Nazzjonali Ġudizzjarju huwa korp unitarju li ma jistax jiġi subdiviż f'żewġ organi mhux rikonoxxuti mill-Kostituzzjoni u l-abbozz jibdel l-ordni kostituzzjonali billi jipprovdi s-*Sejm* b'pożizzjoni dominanti fuq il-ġudikatura. Barra minn hekk, it-tmiem tal-mandat tal-imħallfin membri tal-Kunsill qabel iż-żmien, u l-funzjonament ta' korp kostituzzjonali, jikser il-prinċipju ta' stat demokratiku regolat mill-istat tad-dritt u l-prinċipju tal-legalità. Kif spjegat hawn fuq, il-Kummissjoni tfakkar li rieżami kostituzzjonali effettiv ta' dawn id-dispożizzjonijiet mhuwiex possibbli fil-preżent.

3. 4. L-età tal-irtirar u s-setgħa li jitwal il-mandat tal-imħallfin

31. L-Artikoli 1(26)b-ċ u 13(1) tal-liġi li temenda l-liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji tistipula li r-reġim tal-irtirar applikabbli għall-imħallfin ordinarji se jonqos minn 67 għal 60 għall-imħallfin nisa u minn 67 għal 65 għall-imħallfin irġiel u l-Ministru tal-Ġustizzja se jingħata s-setgħa jiddeċiedi fuq l-estensjoni tal-mandati ġudizzjarji (sal-età ta' 70) abbażi ta' kriterji vagi. Sakemm tittieħed din id-deċiżjoni l-imħallfin ikkonċernati jibqgħu fil-kariga.

32. Ir-reġim tal-irtirar il-ġdid se jkollu impatt negattiv l-indipendenza tal-imħallfin[25]. Ir-regoli l-ġodda joħolqu għodda addizzjonali li biha l-Ministru tal-Ġustizzja jista' jeżerċita influwenza fuq imħallfin individwali. B'mod partikolari, il-kriterji vagi għall-prolongazzjoni tal-mandati jippermettu diskrezzjoni bla bżonn, u dan idgħajjef il-prinċipju li l-imħallfin ma jitneħħewx[26]. Filwaqt li tonqos l-età tal-irtirar, il-liġi tippermetti li l-imħallfin ikollhom il-mandat tagħhom estiż mill-Ministru tal-Ġustizzja sa massimu ta' għaxar snin għall-imħallfin nisa u ħames snin għall-imħallfin irġiel. Barra dan, ma hemmx perjodu ta' żmien stipulat biex il-Ministru tal-Ġustizzja jieħu deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-mandat, u dan jippermetti lill-Ministru tal-Ġustizzja jżomm l-influwenza fuq l-imħallfin ikkonċernati għall-bqija taż-żmien tal-mandat ġudizzjarju tagħhom. Anki qabel ma tintlaħaq l-età tal-irtirar, is-sempliċi prospett li trid issir talba lill-Ministru tal-Ġustizzja għal dik l-estensjoni tista' tagħmel pressjoni fuq l-imħallfin konċernati.

33. Billi titnaqqas l-età tal-irtirar tal-imħallfin filwaqt li l-estensjoni tal-mandat ġudizzjarju tkun suġġetta għad-deċiżjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja, ir-regoli l-ġodda jdgħajfu l-prinċipju li l-imħallfin ma jitneħħewx, u din hija element ewlieni tal-indipendenza tal-imħallfin skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fost ir-rekwiżiti ta' qorti indipendenti, il-Qorti tal-Ġustizzja qalet li l-imħallfin għandhom igawdu minn indipendenza personali u operazzjonali fil-qagħdi ta' dmirijiethom u għandhom ukoll jiġu mħarsa kontra t-tneħħija permezz tal-eżistenza ta' salvagwardji effettivi kontra indħil żejjed jew pressjoni mill-eżekuttiv[27]. Id-dispożizzjonijiet ikkonċernati wkoll mhumiex konformi mal-istandards Ewropej, li skonthom, l-imħallfin għandu jkollhom iż-żmien tal-mandat iggarantit sal-età tal-irtirar mandatorja, fejn teżisti dik l-età tal-irtirar.

---

[25] Ir-Rakkomandazzjoni tal-2010 tal-Kunsill tal-Ewropa, para. 49.

[26] Skont il-liġi, il-Ministru tal-Ġustizzja jiddeċiedi dwar jekk jestendix il-mandat ta' mħallef jew le, u "jqis l-użu razzjonali tal-persunal komuni tal-qorti u l-ħtiġijiet li jirriżultaw mill-ammont ta' xogħol ta' qrati partikolari" (ara l-art. 1(26)(b) tal-liġi).

[27] Il-Kawża C-53/03 *Syfait et.*, 31 ta' Mejju 2005, para. 31; Il-Kawża C-103/97 *Köllensperger u Atzwanger*, l-4 ta' Frar 1999, para. 20.

34. Il-Kummissjoni tinnota li r-regoli l-ġodda wkoll iqajmu tħassib kostituzzjonali. Skont l-opinjoni tal-Qorti Suprema[28], il-fatt li l-Ministru tal-Ġustizzja jitħalla jiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-mandat ta' mħallef, flimkien mat-tnaqqis fl-età tal-irtirar tal-imħallfin, jikser il-prinċipju li l-imħallfin ma għandhomx jitneħħew (art. 180(1) tal-Kostituzzjoni). Kif spjegat hawn fuq, il-Kummissjoni tfakkar li rieżami kostituzzjonali effettiv ta' dawn id-dispożizzjonijiet mhuwiex possibbli fil-preżent.

3.5. Il-Qorti Suprema

3.5.1. It-tneħħija, l-irtirar sfurzat u l-ħatra mill-ġdid tal-imħallfin tal-Qorti Suprema

35. Skont l-Artikolu 87 tal-liġi l-ġdida tal-Qorti Suprema, fil-ġurnata wara li l-liġi tidħol fis-seħħ, l-imħallfin kollha tal-Qorti Suprema jitneħħew u jiġu rtirati[29].

36. Skont l-Aritkolu 88 tal-istess liġi, l-imħallfin indikati mill-Ministru tal-Ġustizzja biss jibqgħu inizjalment attivi għal perjodu interim sakemm il-President tar-Repubblika jkun għamel l-għażla finali tal-imħallfin li jkunu se jitħallew jibqgħu fil-kariga wara proċedura speċjali ta' verifika. Din il-proċedura tkun tirrikjedi li l-President tar-Repubblika jagħżel l-imħallfin li se jibqgħu fil-kariga minn dawk l-imħallfin tal-Qorti Suprema li jintgħażlu minn qabel mill-Ministru tal-Ġustizzja u vvalutati mill-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura. Il-liġi tinkludi kriterji vagi u mhux determinati li skonthom għandha ssir l-għażla tal-imħallfin li se jibqgħu fil-kariga. F'dan ir-rigward kwalunkwe riżoluzzjoni tal-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura ma tkunx vinkolanti fuq il-President tar-Repubblika[30]. Skont l-Artikolu 91 tal-liġi dwar il-Qorti Suprema, jekk l-imħallef li jkollu l-kariga tal-Ewwel President tal-Qorti Suprema jitkeċċa u jitneħħa, il-President tar-Repubblika jagħżel l-Ewwel President interim tal-Qorti Suprema.

37. It-tneħħija u l-irtirar sfurzat tal-imħallfin kollha tal-Qorti Suprema, meqjusa b'konnessjoni mar-regoli li jippermettu l-possibbiltà tal-ħatra tagħhom mill-ġdid, tmur kontra l-indipendenza ġudizzjarja tal-imħallfin tal-Qorti Suprema. L-imħallfin għandhom jiġu mħarsa kontra t-tneħħija permezz tal-eżistenza ta' salvagwardji effettivi kontra indħil żejjed jew pressjoni minn setgħat oħra tal-Istat[31]. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-istandards Ewropej, l-indipendenza ġudizzjarja teħtieġ garanziji suffiċjenti biex tħares il-persuna ta' dawk li għandhom il-kompitu li jaġġudikaw f'tilwima[32]. Il-fatt li

---

28 Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' April 2017.

29 Skont l-Art. 89(1) l-imħallfin li jitneħħew u li jiġu rtirati huma intitolati għal emolument fl-ammont daqs ir-remunerazzjoni li mħallef ikun irċieva fl-aktar kariga riċenti li kellu fil-Qorti Suprema – sakemm jilħaq l-età ta' 65 sena. L-Art. 89(2) tal-liġi dwar il-Qorti Suprema tipprovdi li l-imħallfin li jitneħħew mill-Qorti Suprema jżommu d-dritt li fi żmien 14-il ġurnata mill-irtirar tagħhom jitolbu lill-Ministru tal-Ġustizzja biex jiġu ttrasferiti għal kariga ġudizzjarja f'qorti ordinarja, militari jew amministrattiva. Il-Ministru tal-Ġustizzja għandu d-dritt jirrifjuta dik it-talba.

30 Sussegwentement, skont l-Artikolu 95 tal-liġi dwar il-Qorti Suprema, il-Ministru tal-Ġustizzja jħabbar il-postijiet battala f'awli partikolari tal-Qorti Suprema, u wara jipproponi kandidat wieħed tal-għażla tiegħu għal kull post battal imħabbar lill-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura. Il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura jivvaluta lil kull kandidat u jagħmel proposta lill-President tar-Repubblika għall-ħatra fil-kariga ta' mħallef tal-Qorti Suprema. F'ċerti każijiet, il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura se jkun jista' jagħmel proposta bħal dik permezz ta' waħda biss mill-Assembleji tiegħu, b'hekk potenzjalment jeskludi lill-Assemblea komposta minn imħallfin membri. Il-Ministru tal-Ġustizzja jista' jagħmel avviż ieħor dwar il-postijiet battala rimanenti. Wara, il-kandidati jistgħu jippreżentaw il-kandidaturi tagħhom bi proċedura regolari bil-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura jivvalutahom u jressaq talba lill-President tar-Repubblika għall-ħatra tagħhom f'karigi ta' mħallfin tal-Qorti Suprema.

31 Il-Kawża C-53/03 *Syfait u Oħrajn*, 31 ta' Mejju 2005, para. 31; Il-Kawża C-103/97 *Köllensperger u Atzwanger*, 4 ta' Frar 1999, para. 20.

32 Il-Kawża C-222/13 TDC, 9 ta' Ott. 2014, paragrafi 29-32; Il-Kawża C-506/04 *Wilson*, 19 ta' Sett. 2006, para. 53; Il-Kawża C-103/97 *Köllensperger u Atzwanger*, 4 ta' Frar 1999, paragrafi 20-23; Il-Kawża C-54/96 *Dorsch Consult*, 12 ta'

l-imħallfin ma jistgħux jitneħħew mill-eżekuttiv matul il-mandat tal-kariga tagħhom hija konsegwenza tal-indipendenza tagħhom u b'hekk hija inkluża fil-garanziji tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB[33]. Għaldaqstant, l-imħallfin għandhom jitneħħew biss individwalment, jekk dan ikun iġġustifikat abbażi ta' proċedura dixxiplinarja li tikkonċerna l-attività individwali tagħhom u l-preżentazzjoni tal-garanziji kollha għall-ħarsien f'soċjetà demokratika. L-imħallfin ma jistgħux jitneħħew bħala grupp; l-imħallfin ma jistgħux jitneħħew għal raġunijiet ġenerali mhux relatati mal-imġiba individwali tagħhom.

38. Dawn il-garanziji u s-salvagwardji huma neqsin fil-każ preżenti u d-dispożizzjonijiet ikkonċernati jikkostitwixxu ksur sfaċċat tal-indipendenza tal-imħallfin tal-Qorti Suprema u tas-separazzjoni tas-setgħat[34], u għalhekk tal-istat tad-dritt.

3.5.2. Proċedimenti dixxiplinari

39. Il-liġi dwar il-Qorti Suprema tistabbilixxi awla dixxiplinarja ġdida u regoli ġodda għall-proċedimenti dixxiplinari kontra l-imħallfin tal-Qorti Suprema[35].

40. Dawn ir-regoli ġodda dwar il-proċedimenti dixxiplinari jaffettwaw b'mod negattiv l-indipendenza ġudizzjarja. B'mod partikolari, l-involviment tal-Ministru tal-Ġustizzja fi proċedimenti dixxiplinari kontra mħallfin tal-Qorti Suprema jikkostitwixxi theddida għall-indipendenza tagħhom: il-fatt li l-Ministru tal-Ġustizzja jkollu s-setgħa li jibda proċedimenti dixxiplinari kontra l-imħallfin tal-Qorti Suprema u wkoll li jinfluwenza t-tmexxija tal-investigazzjonijiet, jipprovdi lill-Ministru tal-Ġustizzja b'biċċa għodda addizzjonali biex jagħmel pressjoni konsiderevoli fuq l-imħallfin.

41. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 56(5) tal-liġi dwar il-Qorti Suprema, il-Ministru tal-Ġustizzja jista' joġġezzjona għad-deċiżjoni tal-uffiċjal tad-dixxiplina tal-Qorti Suprema li jagħmel investigazzjoni biex itemm din l-investigazzjoni minħabba nuqqas ta' ġustifikazzjoni; f'każ bħal dan, l-uffiċjal tad-dixxiplina tal-Qorti Suprema jkollu jkompli jmexxi l-proċedimenti dixxiplinari u jkun marbut bl-istruzzjonijiet tal-Ministru tal-Ġustizzja. Barra dan, il-Ministru tal-Ġustizzja jista' hu stess jaħtar

---

Sett. 1997, para. 36; Il-Kawża C-17/00, *De Coster*, 29 ta' Nov. 2001, paragrafi 18-21; Il-Kawża tal-QEDB *Baka vs. l-Ungerija*, 20261/12, 23 ta' Ġunju 2016, para. 121.

33 Il-Kawża tal-QEDB *Campbell u Fell vs. Ir-Renju Unit*, A80 (1984), 28 ta' Ġunju 1984, para 80.

34 Il-liġi tikkontradixxi l-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa. B'mod partikolari, ir-regoli l-ġodda jikkontradixxu l-prinċipju li l-imħallfin ma jistgħux jitneħħew bħala element ewlieni tal-indipendenza tal-imħallfin kif minquxa fir-Rakkomandazzjoni tal-2010 tal-Kunsill tal-Ewropa. Għaldaqstant, l-imħallfin tal-Qorti Suprema jenħtieġ ikollhom iż-żmien tal-mandat iggarantit u l-mandati tagħhom ma għandhomx jiġu tterminati qabel iż-żmien. Barra dan, skont ir-Rakkomandazzjoni tal-2010 tal-Kunsill tal-Ewropa, deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-għażla u l-karriera tal-imħallfin jenħtieġ li jiġu bbażati fuq kriterji oġġettivi li jkunu stabbiliti bil-liġi u mill-awtoritajiet kompetenti minn qabel, u fejn il-gvern jew is-setgħa leġiżlattiva tieħu deċiżjonijiet dwar l-għażla jew il-karriera tal-imħallfin, awtorità indipendenti u kompetenti li parti sostanzjali minnha tkun ġejja mill-ġudikatura jenħtieġ li tkun awtorizzata li tagħmel rakkomandazzjonijiet jew tesprimi opinjonijiet li l-awtorità relevanti tal-ħatra timxi magħhom fil-prattika. Il-liġi tikser dawn l-istandards.

35 Il-proċeduri dixxiplinari kontra l-imħallfin tal-Qorti Suprema jikkonċernaw ir-responsabbiltà għall-offiżi kontra r-regoli tas-servizz u għall-preġudizzju tad-dinjità tal-uffiċċju tagħhom. L-Artikolu 5 tal-liġi dwar il-Qorti Suprema jistipula li l-awla dixxiplinarja tindirizza wkoll proċedimenti dixxiplinari kontra l-imħallfin tal-Qorti Suprema, ċerti proċedimenti dixxiplinari kontra membri tal-professjoni legali, u appelli kontra deċiżjonijiet dixxiplinari. Il-liġi tistipula kompożizzjoni ġdida tal-qrati dixxiplinari tal-Qorti Suprema: b'mod awtomatiku, qorti dixxiplinarja tal-prim istanza tkun komposta minn imħallef wieħed tal-awla dixxiplinarja; qorti dixxiplinarja tat-tieni istanza tkun komposta minn tliet imħallfin. Il-proċedimenti dixxiplinarji jistgħu jinbdew b'mozzjoni ta' uffiċjal tad-dixxiplina (Art. 56(1): uffiċjal tad-dixxipliina maħtur mill-Qorti Suprema għal terminu ta' tliet snin, u Art. 54(4): uffiċjal tad-dixxiplina maħtur mill-Ministru abbażi ta' kull każ individwali).

uffiċjal tad-dixxiplina abbażi ta' kull każ individwali[36]. Il-ħatra ta' uffiċjal tad-dixxiplina mill-Ministru tal-Ġustizzja teskudi kull uffiċjal tad-dixxiplina ieħor minn każ partikolari. Kull meta l-Ministru tal-Ġustizzja jkun ħatar uffiċjal tad-dixxiplina, trid issir investigazzjoni preliminari. Skont l-Artikolu 57(2), l-uffiċjal tad-dixxiplina maħtur mill-Ministru jkun marbut bl-istruzzjonijiet ipprovduti mill-Ministru tal-Ġustizzja f'ċerti każijiet.

42. Is-sempliċi theddida li jinbdew proċedimenti dixxiplinari skont l-istruzzjonijiet tal-Ministru tal-Ġustizzja taffettwa direttament l-indipendenza tal-imħallfin tal-Qorti Suprema. Il-Qorti tal-Ġustizzja affermat li biex qorti tkun indipendenti għandha teżerċità l-funzjonijiet tagħha b'awtonomija sħiħa, mingħajr ma tkun subordinata għal kwalunkwe korp ieħor u tkun għalhekk imħarsa kontra indħil estern jew pressjoni li tista' tippreġudika l-indipendenza tas-sentenzi tal-membri tagħha fir-rigward tal-proċedimenti quddiemhom[37]. Dawn il-kundizzjonijiet mhumiex issodisfatti fil-każ attwali. Għaldaqstant, l-imħallfin tal-Qorti Suprema jistgħu jħossu li għandhom pressjoni biex jimxu mal-pożizzjoni tas-setgħa eżekuttiva meta jkunu qed jaġġudikaw il-kawżi.

3.5.3. Il-proċess leġiżlattiv

43. Il-Kummissjoni tinnota li l-liġi dwar il-Qorti Suprema, li hija att awtonomu ġdid ta' aktar minn 110 Artikolu u li temenda sitt liġijiet eżistenti, ikollha impatt serju fuq l-indipendenza tal-Qorti Suprema u b'mod aktar ġenerali fuq is-separazzjoni tas-setgħat u l-istat tad-dritt fil-Polonja. Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li din il-liġi importanti ma kinitx suġġetta għall-preparazzjoni u konsultazzjonijiet xierqa li kien jistħoqqilha. Għall-kuntrarju, l-abbozz tpoġġa fuq il-mejda tal-kamra fit-12 ta' Lulju 2017 u ġie adottat fit-22 ta' Lulju 2017. Il-Kummissjoni tqis li proċess leġiżlattiv mgħaġġel bħal dak fiż-żewġ kmamar fih innifsu jdgħajjef il-fiduċja fil-ġudikatura fil-Polonja u mhuwiex konformi mal-ispirtu ta' kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet tal-Istati li għandhom jikkaratterizzaw stat demokratiku ggvernat fuq l-istat tad-dritt.

3.6. Dispożizzjonijiet oħrajn

44. L-erba' liġijiet fihom numru ta' dispożizzjonijiet sensittivi oħra fir-rigward tal-istat tad-dritt u s-separazzjoni tas-setgħat, b'mod partikolari rigward it-terminazzjoni tal-mandati tal-uffiċjali tad-dixxiplina fil-qrati qabel iż-żmien[38], is-setgħat tal-Ministru tal-Ġustizzja biex jivvaluta l-prestazzjoni tal-qrati[39], it-trasferiment tal-imħallfin[40], l-istruttura tal-Iskola Nazzjonali għall-Ġudikatura[41], id-dikjarazzjoni tal-assi tal-

---

36 L-Artikolu 54(1) tal-liġi dwar il-Qorti Suprema. Il-Ministru tal-Ġustizzja jaħtar l-uffiċjali tad-dixxiplina minn fost prosekuturi mressqa mill-Prosekutur tal-Istat.

37 Il-Kawża C-503/15, *Margarit Panicello*, 16 ta' Frar 2017, paragrafi 37-38; Il-Kawża C-203/14 *Consorci Sanitari del Maresme*, 6 ta' Ott. 2015, para 19; Il-Kawża C-222/13 *TDC*, 9 ta' Ott. 2014, para 30; Il-Kawżi Konġunti C-58/13 sa C-59/13, *Torresi*, 17 ta' Lulju 2014, para 22; Il-Kawża C-506/04 *Wilson,* 19 ta' Sett. 2006, para. 51.

38 L-Artikolu 6 tal-liġi li temenda l-liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura; L-Artikolu 100(1) u (2) tal-Liġi dwar il-Qorti Suprema.

39 L-Artikolu 1(16) tal-liġi li temenda l-liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji.

40 L-Artikolu 1(5)(b) tal-liġi li temenda l-liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji.

41 L-Artikolu 1 tal-liġi li temenda l-liġi dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Ġudikatura.

imħallfin[42], u l-istaff tal-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura u tal-Qorti Suprema[43]. Dawn il-kwistjonijiet ġew identifikati f'għadd ta' analiżijiet, b'mod partikolari mill-Qorti Suprema u l-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura bħala li jqajmu tħassib, inkluż kwistjonijiet ta' konformità mal-Kostituzzjoni[44]. Madankollu, kif ġie spjegat hawn fuq rieżami kostituzzjonali indipendenti u leġittimu mhux possibbli fil-preżent.

4. L-IDENTIFIKAZZJONI TA' THEDDIDA SISTEMIKA GĦALL-ISTAT TAD-DRITT

45. Għar-raġunijiet imsemmija fuq, il-Kummissjoni tqis li s-sitwazzjoni ta' theddida sistemika għall-istat tad-dritt fil-Polonja kif ippreżentata fir-Rakkomandazzjoni tagħha tas-27 ta' Lulju 2016 u tal-21 ta' Diċembru 2016 iddeterjorat serjament. B'mod partikolari:

(1) Il-ħatra illegali tal-President tat-Tribunal Kostituzzjonali, l-ammissjoni tat-tliet imħallfin maħtura mit-tmien (8) leġiżlatura tas-*Sejm* mingħajr bażi ġuridika valida, il-fatt li wieħed minn dawn l-imħallfin inħatar bħala Viċi President tat-Tribunal, il-fatt li tliet imħallfin li kienu maħtura skont il-liġi f'Ottubru 2015 mil-leġiżlatura ta' qabel ma setgħux jassumu l-funzjoni ta' mħallef fit-Tribunal, kif ukoll l-iżviluppi sussegwenti fit-Tribunal deskritti hawn fuq *de facto* wasslu għall-kompożizzjoni kompleta mill-ġdid tat-Tribunal barra l-proċess kostituzzjonali normali għall-ħatra ta' mħallfin. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni tqis li l-indipendenza u l-leġittimità tat-Tribunal Kostituzzjonali huma mdgħajfa serjament u, konsegwentement, il-kostituzzjonalità tal-liġijiet Pollakki ma tistax tibqa' tiġi ggarantita b'mod effettiv. Is-sentenzi mogħtija mit-Tribunal taħt dawn iċ-ċirkostanzi ma jistgħux jibqgħu jitqiesu li jipprovdu rieżami kostituzzjonali effettiv.

(2) Il-liġi dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Ġudikatura li diġà qiegħda fis-seħħ, u l-liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura, il-liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji u l-liġi dwar il-Qorti Suprema jekk jidħlu fis-seħħ, iddgħajfu strutturalment l-indipendenza tal-ġudikatura fil-Polonja u jkollhom impatt immedjat u konkret fuq il-funzjonament indipendenti tal-ġudikatura kollha kemm hi. Peress li l-indipendenza tal-ġudikatura hija komponent ewlieni tal-istat tad-dritt, dawn il-liġijiet ġodda jżidu b'mod sinifikanti t-theddida sistemika għall-istat tad-dritt kif identifikat f'Rakkomandazzjonijiet preċedenti.

(3) B'mod partikolari, it-tneħħija tal-imħallfin tal-Qorti Suprema, il-possibbiltà tal-ħatra tagħhom mill-ġdid u miżuri oħra li hemm fil-liġi dwar il-Qorti Suprema jaggravaw b'mod serju ħafna t-theddida sistemika tal-istat tad-dritt.

(4) Il-liġijiet il-ġodda jqajmu tħassib serju fir-rigward tal-kompatibbiltà tagħhom mal-Kostituzzjoni Pollakka kif enfasizzata b'għadd ta' dikjarazzjonijiet, b'mod partikolari mill-Qorti Suprema, mill-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura, l-Ombudsman Pollakk, l-Assoċjazzjoni tal-Kamra tal-Avukati u assoċjazzjonijiet

[42] L-Artikolu 1(33) tal-liġi li temenda l-liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji u l-Artikolu 38 tal-liġi dwar il-Qorti Suprema.

[43] L-Artikolu 10 tal-liġi li temenda l-liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura; L-Artikolu 93 u l-Artikolu 99 tal-liġi tal-20 ta' Lulju dwar il-Qorti Suprema.

[44] Id-dispożizzjonijiet ġodda dwar id-diretturi tal-qorti ġew identifikati wkoll bħala li jqajmu tħassib (l-Artikolu 1 tal-liġi tat-23 ta' Marzu 2017 li temenda l-liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji).

ta' mħallfin u avukati, u partijiet interessati relevanti oħra[45]. Madankollu, kif spjegat hawn fuq, rieżami kostituzzjonali effettiv ta' dawn il-liġijiet ma għadux possibbli.

(5) Fl-aħħar, azzjonijiet u dikjarazzjonijiet pubbliċi kontra l-imħallfin u l-qrati mill-Gvern Pollakk u mill-membri Parlamentari mill-maġġoranza li tiggverna fil-Polonja ħassru l-fiduċja fis-sistema ġudizzjarja kollha kemm hi. Il-Kummissjoni tenfasizza l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali bejn korpi tal-istat li hu, kif enfasizzat fl-opinjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja, prekundizzjoni kostituzzjonali fi stat demokratiku ggvernat fuq l-istat tad-dritt.

46. Il-Kummissjoni tfakkar li fejn tkun ġiet stabbilita sistema ġudizzjarja kostituzzjonali, l-effettività tagħha hija komponent ewlieni tal-istat tad-dritt. Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li jkun xi jkun il-mudell tas-sistema ġudizzjarja magħżula, l-indipendenza tal-ġudikatura trid tiġi salvagwardjata bħala kwistjoni tal-liġi tal-UE. Hija responsabbiltà tal-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi ġudizzjarji tagħhom, inkluż jekk għandhomx jistabbilixxu Kunsill għall-Ġudikatura li r-rwol tiegħu hu li jissalvagwardja l-indipendenza ġudizzjarja. Madankollu, fejn Kunsill bħal dak ġie stabbilit minn Stat Membru, kif inhu l-każ fil-Polonja fejn il-Kostituzzjoni Pollakka inkarigat b'mod espliċitu lill-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura bil-kompitu li jissalvagwardja l-indipendenza ġudizzjarja, l-indipendenza ta' dak il-Kunsill trid tiġi ggarantita b'konformità mal-i*standards* Ewropej.

47. Minkejja l-fatt li hemm diversità fis-sistemi ġudizzjarji fl-Ewropa, ġew stabbiliti standards komuni Ewropej dwar is-salvagwardja tal-indipendenza ġudizzjarja. Huwa ta' tħassib kbir li l-Kummissjoni tosserva li wara d-dħul fis-seħħ tal-liġijiet imsemmija hawn fuq, is-sistema ġudizzjarja Pollakka ma tibqax aktar kompatibbli mal-istandards Ewropej f'dan ir-rigward.

48. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota d-deċiżjoni tal-President tar-Repubblika tal-24 ta' Lulju 2017 li jirreferi lura lis-Sejm il-liġi dwar il-Qorti Suprema u l-liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura.

49. Ir-rispett għall-istat tad-dritt mhuwiex biss prerekwiżit għall-ħarsien tal-valuri fundamentali kollha elenkati fl-Artikolu 2 TUE. Huwa wkoll prerekwiżit għas-sostenn tad-drittijiet u l-obbligi kollha li joħorġu mit-Trattati u biex tiġi stabbilita fiduċja reċiproka taċ-ċittadini, in-negozji u l-awtoritajiet nazzjonali fis-sistemi ġuridiċi tal-Istati Membri l-oħra kollha. Ċerti aspetti tal-liġijiet il-ġodda jqajmu tħassib ukoll fir-rigward tal-kompatibbiltà tagħhom mal-liġi tal-UE u għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'żieda mar-Rakkomandazzjoni attwali tal-Istat tad-Dritt, li tibda proċeduri ta' ksur kontra l-Polonja meta l-liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji tiġi ppubblikata jew jekk il-Qorti Suprema tiġi ffirmata u ppubblikata.

---

[45] Pereż. l-opinjonijiet tal-Qorti Suprema tat-30 ta' Jannar, tat-3 ta' Frar, tat-28 ta' April u tat-18 ta' Lulju 2017; L-opinjonijiet tal-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura tat-30 ta' Jannar, tal-10 ta' Frar, tas-7 ta' Marzu, tat-12 ta' Mejju, tas-26 ta' Mejju u tat-18 ta' Lulju 2017; L-opinjonijiet tal-Ombudsman tal-1 ta' Frar, tat-12 ta' April, tal-31 ta' Mejju, tat-28 ta' Ġunju u tat-18 ta' Lulju 2017; l-opinjoni tad-Direttur tal-Iskola Nazzjonali tal-Ġudikatura u Prosekuzzjoni Pubblika tal-10 ta' Frar 2017; l-opinjonijiet kollettivi tal-imħallfin minn oqsma tal-qorti tal-appell tas-6 ta' Frar 2017 f'Lublin; fi Gdańsk, Cracow, Białystok, Szczecin, Rzeszów tas-7 ta' Frar 2017; f'Varsavja u Poznań tat-8 ta' Frar 2017; riżoluzzjoni tal-Presidjum tal-Assoċjazzjoni Ewlenija tal-Kamra tal-Avukati tat-3 ta' Frar 2017; l-opinjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin "Themis" tad-29 ta' Jannar 2017; l-opinjonijiet tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin "Iustitia" tat-8 ta' Frar 2017, l-opinjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Qrati Referendarji tas-6 ta' Frar 2017; l-opinjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Alumni u r-Rikorrenti tal-NSJPP tas-7 ta' Frar 2017; l-opinjoni tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Assistenti tal-Imħallfin tat-8 ta' Frar 2017.

50. Il-Kummissjoni tenfasizza li l-funzjonament xieraq tal-istat tad-dritt huwa wkoll essenzjali għall-operat bla xkiel tas-Suq Intern għaliex l-operaturi ekonomiċi jridu jkunu jafu li se jiġu ttrattati b'mod ugwali taħt il-liġi. Dan ma jistax jiġi assigurat mingħajr ġudikatura indipendenti f'kull Stat Membru. Għal din ir-raġuni, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li l-awtoritajiet Pollakki jindirizzaw it-tħassib serju relatat mal-istat tad-dritt fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi tal-Pajjiż indirizzati lill-Polonja fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017. Ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż ġew approvati b'mod ġenerali mill-Kunsill Ewropew fit-23 ta' Ġunju 2017 u adottati mill-Kunsill għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji fil-11 ta' Lulju 2017[46].

51. Il-Kummissjoni tinnota li firxa wiesgħa ta' atturi fil-livell Ewropew u internazzjonali esprimew it-tħassib kbir tagħhom dwar ir-riforma tas-sistema ġudizzjarja Pollakka: rappreżentanti tal-ġudikatura madwar l-Ewropa, inkluż in-Netwerk ta' Presidenti tal-Qrati Ġudizzjarji Suprema tal-Unjoni Ewropea u n-Netwerk ta' Kunsilli għall-Ġudikatura Ewropej, il-Kummissjoni ta' Venezja, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti kif ukoll għadd ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bħal Amnesty International u n-Netwerk tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija. Il-Parlament Ewropew ukoll esprima t-tħassib tiegħu, inkluż f'żewġ riżoluzzjonijiet li jappoġġjaw il-fehmiet tal-Kummissjoni.

5. AZZJONI RAKKOMANDATA

52. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-awtoritajiet Pollakki jieħdu azzjoni xierqa sabiex jindirizzaw din it-theddida sistemika għall-istat tad-dritt b'urġenza.

53. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tirrakkomanda lill-awtoritajiet Pollakki sabiex jieħdu l-azzjonijiet li ġejjin:

(a) terġa' tinkiseb l-indipendenza u l-leġittimità tat-Tribunal Kostituzzjonali bħala garanti tal-Kostituzzjoni Pollakka billi jiżguraw li l-imħallfin, il-President u l-Viċi President tagħha jiġu eletti u maħtura legalment u billi jimplimentaw b'mod sħiħ is-sentenzi tat-Tribunal Kostituzzjonali tat-3 u tad-9 ta' Diċembru 2015 li jirrikjedu li t-tliet imħallfin li kienu maħtura legalment f'Ottubru 2015 mil-leġiżlatura ta' qabel ikunu jistgħu jassumu l-funzjoni ta' mħallef fit-Tribunal Kostituzzjonali, u li t-tliet imħallfin maħtura mill-leġiżlatura l-ġdida mingħajr bażi ġuridika valida ma jibqgħux jaġġudikaw mingħajr ma jkunu eletti b'mod validu[47];

(b) jippubblikaw u jimplimentaw b'mod sħiħ is-sentenzi tat-Tribunal Kostituzzjonali tad-9 ta' Marzu 2016, tal-11 ta' Awwissu 2016 u tas-7 ta' Novembru 2016;

(c) jiżguraw li l-liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura, il-liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji u l-liġi dwar il-Qorti Suprema ma jidħlux fis-seħħ u li l-liġi dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Ġudikatura tiġi rtirata jew

[46] Il-premessa 14: "*Iċ-ċertezza legali u l-fiduċja fil-kwalità u l-prevedibbiltà regolatorja, it-taxxa u politika u istituzzjonijiet oħra huma fatturi importanti li jistgħu jippermettu żieda fir-rata tal-investiment. L-istat tad-dritt u ġudikatura indipendenti huma wkoll essenzjali f'dan il-kuntest. L-indirizzar ta' kwistjonijiet serji relatati mal-istat tad-dritt jgħinu biex titjieb iċ-ċertezza legali*". Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Polonja tal-2017 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konvergenza tal-2017 tal-Polonja.

[47] Ara r-Rakkomandazzjoni (UE) 2017/146 u r-Rakkomandazzjoni (UE) 2016/1374.

emendata sabiex tiġi żgurata l-konformità tagħha mal-Kostituzzjoni u mal-istandards Ewropej dwar l-indipendenza ġudizzjarja;

(d) ma jieħdu l-ebda miżura li tinterferixxi mal-mandat tal-imħallfin tal-Qorti Suprema u l-funzjoni tagħhom;

(e) jiżguraw li kwalunkwe riforma tal-ġustizzja issostni l-istat tad-dritt u tikkonforma mal-liġi tal-UE u mal-istandards Ewropej dwar l-indipendenza ġudizzjarja u tkun ippreparata b'kooperazzjoni mill-qrib mal-ġudikatura u l-partijiet kollha interessati;

(f) ma jieħdux azzjonijiet u ma jagħmlux dikjarazzjonijiet pubbliċi li jistgħu jdgħajfu aktar il-leġittimità tat-Tribunal Kostituzzjonali, il-Qrati Suprema, il-qrati ordinarji, l-imħallfin, individwalment jew kollettivament, jew il-ġudikatura kollha kemm hi.

54. Il-Kummissjoni tenfasizza li l-kooperazzjoni leali li hi meħtieġa fost l-istituzzjonijiet differenti tal-istat fi kwistjonijiet relatati mal-istat tad-dritt hija essenzjali sabiex tinstab soluzzjoni fis-sitwazzjoni attwali. Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi wkoll lill-awtoritajiet Pollakki biex ifittxu l-fehmiet tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar il-liġi tal-Iskola Nazzjonali tal-Ġudikatura, il-liġi tal-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura, il-liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji u l-liġi dwar il-Qorti Suprema kif ukoll dwar kwalunkwe proposta legiżlattiva ġdida li għandha l-għan li tirriforma s-sistema ġudizzjarja fil-Polonja.

55. Il-Kummissjoni tistieden lill-Gvern Pollakk biex isolvi l-problemi identifikati f'din ir-rakkomandazzjoni fi żmien xahar minn meta jirċievi din ir-rakkomandazzjoni, u biex jinforma lill-Kummissjoni bil-passi li jittieħdu f'dan ir-rigward.

56. Il-Kummissjoni tistieden lill-awtoritajiet Pollakki biex jużaw l-opportunità tad-deċiżjoni tal-President Pollakk li jirreferi lura lis-*Sejm* il-liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura u l-liġi dwar il-Qorti Suprema biex jiġi żgurat li kwalunkwe riforma tal-ġudikatura fil-Polonja tqis it-tħassib espress f'din ir-Rakkomandazzjoni.

57. Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li r-Rakkomandazzjonijiet adottati taħt il-Qafas tal-Istat tad-Dritt ma jimpedixxux l-Artikolu 7 TUE milli jiġi attivat direttament, f'każ li deterjorament f'daqqa fi Stat Membru jitlob reazzjoni aktar b'saħħitha mill-UE[48].

58. Il-Kummissjoni titlob b'mod partikolari lill-awtoritajiet biex ma jieħdu l-ebda miżura biex ineħħu jew jisfurzaw l-irtirar tal-imħallfin tal-Qrati Suprema peress li dawn il-miżuri jaggravaw b'mod serju ħafna t-theddida sistemika għall-istat tad-dritt. F'każ li l-awtoritajiet Pollakki jieħdu xi miżura ta' din ix-xorta, il-Kummissjoni tkun lesta li tattiva immedjatament l-Artikolu 7(1) TUE.

59. Abbażi ta' din ir-rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni tibqa' lesta issegwi djalogu kostruttiv mal-Gvern Pollakk.

[48] It-Taqsima 4.1 tal-Komunikazzjoni *"Qafas ġdid tal-UE biex Jissaħħaħ l-Istat tad-Dritt"*, COM(2014) 158 finali.

Magħmula fi Brussell, 26.7.2017

Għall-Kummissjoni
Frans TIMMERMANS
L-ewwel Viċi President